



SECRETARJAT ĠENERALI TAL-KUNSILL TAL-UE

~SFOND~

Ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà / Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

Novembru 2009

Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

Fil-laqgħa informali fi Brussell tad-19 ta' Novembru, qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-UE qablu dwar il-ħatra tas-Sinjura Catherine ASHTON bħala r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

Xi dmirijiet għandha?

Ir-Rappreżentant Għoli teżerċita, fl-affarijiet barranin, il-funzjonijiet li, sa issa, kienu eżerċitati mill-Presidenza b'rotazzjoni semestrali, mir-Rappreżentant għall-PESK u mill-Kummissarju għar-Relazzjonijiet Esterni. Skont l-Artikoli 18 u 27 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ir-Rappreżentant Għoli:

- tmexxi l-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni;
- tikkontribwixxi bil-proposti tagħha għall-iżvilupp ta' dik il-politika, li ser twettaq kif inkarigata mill-Kunsill, u tiżgura l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet adottati f'dan il-qasam;
- tippresiedi fuq il-Kunsill tal-Affarijiet Barranin;
- hija waħda mill-Viċi Presidenti tal-Kummissjoni; tiżgura l-konsistenza tal-azzjoni esterna tal-Unjoni; hija inkarigata, fi ħdan il-Kummissjoni, mir-responsabbiltajiet inkombenti fuq din tal-aħħar fir-relazzjonijiet esterni u mill-koordinazzjoni tal-aspetti l-oħra tal-azzjoni esterna tal-Unjoni;
- tirrappreżenta lill-Unjoni fl-affarijiet li jirrigwardaw il-politika estera u ta' sigurtà komuni, tmexxi d-djalogu politiku ma' partijiet terzi f'isem l-Unjoni u tesprimi l-pożizzjoni tal-Unjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali u f'konferenzi internazzjonali;
- teżerċita awtorità fuq is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u fuq id-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali.

P R E S S

Kif ser tinħatar?

Il-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, bil-qbil tal-President tal-Kummissjoni, jaħtar ir-Rappreżentant Għoli.

Hija suġġetta, flimkien mal-President tal-Kummissjoni u l-membri l-oħra tal-Kummissjoni, għal vot ta' kunsens mill-Parlament Ewropew.

Arranġamenti ta' sostenn

Fit-twettiq tal-mandat tagħha, ir-Rappreżentant Għoli hi assistita minn Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ara aktar 'l isfel). Hija tgawdi mis-sostenn tas-servizzi tal-Kunsill u tal-Kummissjoni kif meħtieġ.

Qabel it-Trattat ta' Lisbona

Il-kariga preċedenti ta' Rappreżentant Għoli għall-politika estera u ta' sigurtà komuni ġiet introdotta fl-1999 (it-Trattat ta' Amsterdam). Minn dak iż-żmien ir-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-PESK kien Javier Solana. Huwa jassisti lill-Kunsill fl-affarijiet ta' politika barranija, billi jikkontribwixxi għall-formulazzjoni, it-tnejn u l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet ta' politika. Huwa jaġixxi f'isem il-Kunsill fit-tmexxija tad-djalogu politiku ma' partijiet terzi. Il-Presidenza b'rotazzjoni semestrali kienet inkarigata li tippresiedi l-Kunsill tar-Relazzjonijiet Esterni, tirrappreżenta lill-Unjoni f'affarijiet tal-PESK, timplimenta d-deċiżjonijiet meħuda u tesprimi l-pożizzjoni tal-UE internazzjonalment.

Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

L-Artikolu 27(3) TUE jikkostitwixxi l-bażi legali għad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-SEAE.

"Fit-twettiq tal-mandat tiegħu, ir-Rappreżentant Għoli għandu jiġi assistit minn Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna. Dan is-servizz għandu jaħdem f'kooperazzjoni mas-servizzi diplomatiċi tal-Istati Membri u għandu jkun magħmul minn uffiċjali mid-dipartimenti rilevanti tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u tal-Kummissjoni kif ukoll minn persunal issekondat mis-servizzi diplomatiċi nazzjonali. L-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandhom jiġu stabbiliti b'deċiżjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jaġixxi fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni."

Fit-30 ta' Ottubru 2009, il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-linji gwida għas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) (dok. [14930/09](#)). Ir-RGħ futura kienet mistiedna tippreżenta proposta għall-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-SEAE malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, bil-ħsieb tal-adozzjoni tagħha mill-Kunsill mhux aktar tard minn tmiem April 2010.

X'inhum s-SEAE?

Kif hemm fil-linji gwida adottati mill-Kunsill Ewropew f'Ottubru 2009, is-SEAE ser ikun servizz uniku taħt l-awtorità tar-Rappreżentant Għoli. Is-SEAE ser ikollu status ta' organizzazzjoni li jirrifletti u jappoġġja r-rwol uniku u l-funzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli fis-sistema tal-UE.

X'ser jagħmel?

Is-SEAE ser jgħin lir-Rappreżentant Għoli tiżgura l-konsistenza u l-koordinazzjoni tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif ukoll fit-thejjiġa ta' proposti ta' politika u l-implimentazzjoni tagħhom wara li jiġu approvati mill-Kunsill. Huwa ser jassisti wkoll lill-President tal-Kunsill Ewropew u lill-President kif ukoll il-Membri tal-Kummissjoni fil-funzjonijiet rispettivi tagħhom fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni u ser jiżgura kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Is-SEAE għandu jkun magħmul minn uffiċċji uniċi ġeografiċi (li jkopru r-reġjuni u l-pajjiżi kollha) u tematiċi li jkomplu jwettqu, taħt l-awtorità tar-Rappreżentant Għoli, il-kompiti attwalment imwettqa mill-partijiet rilevanti tal-Kummissjoni u s-Segretarjat tal-Kunsill. Il-politika kummerċjali u tal-iżvilupp kif definita mit-Trattat għandha tibqa' r-responsabbiltà tal-Kummissarji rilevanti tal-Kummissjoni.

Kif ser jiġi pprovdut bil-persunal?

Il-persunal tas-SEAE ser jinħatar mir-Rappreżentant Għoli u joriġina minn tliet sorsi: id-dipartimenti rilevanti tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, tal-Kummissjoni u tas-servizzi diplomatiċi nazzjonali tal-Istati Membri. Ir-reklutaġġ ser ikun ibbażat fuq il-mertu, bl-għan li jinkisbu s-servizzi ta' persunal tal-oġhla standard ta' kapaċità, effiċjenza u integrità, waqt li jkun żgurat bilanċ ġeografiku adegwat.

Strutturi ta' maniġġar ta' kriżi

Biex jippermettu lir-Rappreżentant Għoli tmexxi l-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża (PESD), l-istrutturi ta' maniġġar ta' kriżi tal-UE għandhom ikunu parti mis-SEAE waqt li jittieħed kont sħiħ tal-ispeċifiċitajiet tagħhom. Dawn l-istrutturi ser jiffurmaw entità mqiegħda taħt l-awtorità u r-responsabbiltà diretta tar-Rappreżentant Għoli.

Xi status legali ser ikollu?

Is-SEAE għandu jkun servizz ta' natura *sui generis*, separat mill-Kummissjoni u mis-Segretarjat tal-Kunsill. Huwa għandu jkun awtonomu f'termini ta' baġit amministrattiv u ġestjoni tal-persunal. Is-SEAE ser ikollu t-taqsimat tiegħu fil-baġit tal-UE, u għal din ikunu japplikaw ir-regoli baġitarji u ta' kontroll tas-soltu. Ir-Rappreżentant Għoli ser jipproponi u jimplimenta l-baġit tas-SEAE.

Kif ser ikun iffinanzjat?

L-istabbiliment tas-SEAE għandu jkun iggwidat mill-prinċipju tal-effiċjenza fl-infiq u jkun immirat għal newtralità baġitarja. X'aktarx ikun meħtieġ għadd limitat ta' postijiet addizzjonali għal aġenti temporanji mill-Istati Membri, li jiġu ffinanzjati fil-qafas tal-perspettivi finanzjarji attwali.

Delegazzjonijiet tal-UE

Id-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni ser isiru d-delegazzjonijiet tal-Unjoni taħt l-awtorità tar-Rappreżentant Għoli u ser ikunu parti mill-istruttura tas-SEAE. Id-delegazzjonijiet ser ikun fihom kemm persunal regolari mis-SEAE (inlużi l-Kapijiet tad-Delegazzjoni) kif ukoll persunal mis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni. Il-persunal kollu għandu jaħdem taħt l-awtorità tal-Kap tad-Delegazzjoni. Id-delegazzjonijiet tal-UE ser jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib mas-servizzi diplomatiċi tal-Istati Membri. Huma għandhom ikollhom rwol ta' sostenn fir-rigward tal-protezzjoni diplomatika u konsulari taċ-ċittadini tal-Unjoni f'pajjiżi terzi.